Minuti tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija- Nru 10 tat-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru 10**
**Laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**27 ta' Frar 2020**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 28, Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.10 ta' wara nofsinhar.

---

**PREŻENTI:**

Hubert Saliba - Sindku

Paul Azzopardi - Viċi Sindku

Johnny Vella - Kunsillier

Domenic Zerafa - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

Jeanelle Attard - Kunsilliera

ASSENTI

n/a

**UFFIĊJAL PREŻENT:**

Marion Attard- Segretarju Eżekuttiv

**10.1 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2019, Budget 2020 u Business Plan għall-5 snin**

10.1.1 Ir-rapporti finazjarji għas-sena 2019 tqassmu fuq il-mejda biex il-membri tal-Kunsill preżenti setgħu jarahom. Is-Sindku stieden lill-*accountant* biex jispjega r-rapporti annwali għas-sena 2019. Is-Sur Darren Mercieca spjega r-rapporti finanzjarji fejn spjega x-xogħol li sar min-naħa tal-kumpanija tiegħu biex seta jsir il-*Fixed Asset Register* u anke l-bżonn li jsir aġġustament wara li r-rapporti tas-snin preċedenti kien qed juri li l-Kunsill kellhu jirċievi 'l fuq minn €40,000 f'għajnuna ta' grants ġejjien minn qabel is-sena 2013 li meta nvestigaw sabu li m'huwiex il-kas. Il-membri tal-Kunsill approvaw ir-rapport annwali għas-sena 2019.

10.1.2 L-*accountant* ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill il-Budget 2020 u l-business plan li kienu ġew amendati mil-laqgħa ta' Jannar fejn issa kienu jinkludu ż-żieda fil-paga tal-Assistent Prinċipal. L-*accountant* reġa' tenna d-diffikulta' biex wieħed ikollhu stampa daqshekk ċara fuq Pjan ta' Ħidma għal ħames snin fejn il-Kunsilli jiddependu ħafna fuq l-għajnuna min-naħa tal-gvern għall-Proġetti Kapitali.

**10.2 Evviva Wine Festival**

10.2.1 Is-Sindku kkomunika li kellu laqgħa l-Ministeru t'Għawdex mas-Sur Joseph Buttigieg u s-Sa Maria Farrugia fejn ġiet diskussa l-kolloborazzjoni min-naħa tal-Ministeru għal dan l-avveniment. Il-Ministeru t'Għawdex se jkun lest li jikkoloborra bħas-snin preċedenti. Ġie propost biex dan l-avveniment ikun suċċess u jilħaq l-udjenza mixtieqa għandha tkun espolorata l-possibilita' li jkun hemm mdaħħal is-settur privat. Il-membri tal-Kunsill preżento qablu ma' din il-propost u qablu li s-Sindku kellhu jikkomunika ma' Abrahams (Vini e Capricci) biex wieħed jekk hux interessat.

10.2.2 Is-Sindku kkommuka li s-Sa Maria Farrugia kienet ukoll qed tissuġġerriexxi li dan l-avveniment nagħtuh xejra ftit differenti fejn apparti l-inbid, irrelevanti f'dan l-istadju hux impurtat minn Castelvenere jew le, jkun hemm ukoll temi oħra li jmorru mal-inbid bħal per eżempju ġobon u ċikkulata. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu ma' dan is-suġġeriment.

10.2.3 Is-Sindku elenka l-importanza ta' *event organizer* li jkun jista' jgħin biex jittella' avveniment ta' livell. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu ma' dan.

Il-laqgħa spiċċat fil-5.20pm

Konfermati, illum **27 t'April 2020**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | ________________________ |
| Hubert Saliba | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |